MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Numru. 735/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Ryan Muscat**

**Illum, 2 ta' Lulju, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Ryan Muscat, ta' 19 il-sena, bin Leslie u Susan nee' Bartolo, imwieled fit-12 ta' Jannar, 1990 u residenti fil-fond numru 62, Triq in-Nahal, Mellieha u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 52090M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-17 ta' Mejju, 2009 f' San Pawl il-Bahar f' xi hin bejn id-disgha ta' filghaxija u nofs il-lejl b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta'

hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f’ parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Roberta Galea skond ma ccertifikawha Dr Borg MD Reg No 2631 u Dr Maria Agius MD Reg No 3125 tal-isptar Mater Dei.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 226(1)(a) u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident stradali li sehh meta l-imputat kien qed isuq vettura ta’ tip Ford Escort b’numru ta’ registrazzjoni LAD 247 fit-telgha tax-Xemxija fid-direzzjoni tal-Mellieha. F’xi hin l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura, habat mal-hajt u b’l-impatt il-vettura daret u giet thares lejn id-direzzjoni li minnha kienet gejja. Fost hsara ohra fil-vettura l-windscreen infaqa’ u taret bicca hgiega f’ghajnejn il-passigiera li kien hemm fil-vettura, certa Roberta Galea. F’vettura ohra, gejja ftit wara dik misjuqa mill-imputat, kien hemm oht Roberta Galea (Christine Galea); din it-tieni vettura kienet misjuqa minn certu James Speckman pero b’l-ebda mod ma kienet involuta f’l-incident. Speckman cempel lil missier Galea biex jinfurmah b’l-incident u dan mar fuq il-post immedjatament; bla ma stenna ambulanza jew lill-pulizija, caqlaq il-vettura ta’ l-imputat, li kienet qed timblokka t-triq minhabba l-mod kif daret, biex ikun jista’ jkompla jsuq biex jiehu lil bintu l-isptar.

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident Roberta Galea garrbet *deep lacerated wounds* f'wiccha minbarra l-fatt li bicca hgiega ippenetrat ghajnejha l-leminija u bhala konsegwenza giet affetwata il-vista minn dik l-ghajn.

Illi dawn il-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-persuni kollha fuq imsemmija: Roberta Galea, ohtha Christine, James Speckman, kif ukoll l-imputat taw id-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti. Pero dwar x'wassal ezattament ghall-incident hadd minnhom ma jaghti informazzjoni effettiva. L-imputat jghid li huwa kien qed isuq normali b'velocita ta' xi erbghin jew hamsin kilometru fis-siegha meta skiddja, habat mal-hajt, mexa mal-hajt, habat ma' pilastru, u mbaghad il-karozza daret. L-imputat jghid li huwa skiddja fejn kien hemm ilma ma'l-art. Iz-zewg tfajliet ma tantx qalu wisq fis-sens li Christine, li kienet fit-tieni vettura misjuqa minn Speckman, qalet li rat il-vettura ta' l-imputat iddur u tahbat mal-hajt. Min-naha taghha Roberta Galea qalet li kienu telghin it-telgha meta f'xi hin l-imputat qisu tilef il-kontroll u habtu go'l-arblu. Speckman qal li hu kien qed isuq wara l-imputat u li ra l-vettura "sliding" lejn il-lemin u mbaghad tahbat mal-hajt man-naha tax-xellug tat-triq. Hu qal ukoll li f'l-opinjoni tieghu l-imputat kien qed isuq bejn wiehed u iehor b'l-istess velocita li kien qed isuq hu, cioe xi erbghin, hamsin mil fis-siegha[1].

Illi tul il-proceduri u anke waqt l-access mizmum minn din l-Qorti l-imputat tefa' t-tort ghal dan l-incident fuq l-ilma li kien hemm fit-triq u li kien qed inixxi minn wara l-bini li hemm man-naha tax-xellug tat-triq. Hu fil-fatt jallega li skiddja propju fuq dan l-ilma.

Illi mhux kontestat li f'punt partikolari fit-telgha tax-Xemxija inixxi ilma minn wara l-bini u dan jiskula ghal got-triq. Dan l-ilma pero kien ilu zmien twil inixxi qabel l-incident in ezami ghalhekk l-imputat bilfors kien jaf bih ghaliex huwa mill-Mellieha u jsuq minn dik it-triq b'mod frekwenti hafna.

[1] Dan a differenza ta' dak li jghid l-imputat li kien qed isuq b'l-erbghin/hamsin kilometru fis-siegha.

Il-post minn fejn inixxi l-ilma huwa distanti xi tmenin metru mill-post fejn sehh l-impatt tal-vettura mal-hajt. Naturalment l-ilma jinzel ‘l isfel minn dan il-punt; min-naha l-ohra l-imputat kien qed isuq ‘l fuq, ghalhekk jekk huwa veru li l-imputat skiddja fuq dak l-ilma d-distanza li kompliet miexja l-vettura minn fejn l-imputat l-ewwel tilef il-kontrol taghha sa kemm sehh l-impatt kien ta’ aktar minn tmenin metru u f’din id-distanza il-vettura kienet sejra ‘l fuq fit-telgha. Minkejja li kienet ghaddejja ghat-telgha u ghalhekk bilfors tibda titlef l-momentum ma waqfitx ma’l-ewwel impatt mal-hajt imma skond kif iddeskriva l-istess imputat habtet mal-hajt, mxiet mieghu, habtet ma’l-arblu u mbaghad daret biex giet thares ‘l isfel. Dan kollu suppost gara meta l-imputat kien qed isuq (skond l-versjoni tieghu) b’erbghin/hamsin kilometru fis-siegha, allegazzjoni li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz xejn m’hi kredibbli.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali hija dik ta’ griehi gravi involontarji skond l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta cioe griehi gravi kkawzati minhabba nuqqas ta’ hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta’ hila f’l-arti jew professjoni,  jew nuqqas ta’ tharis ta’regolamenti.

Illi x’jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna.

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu*

*minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi,* ***kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji***[2]*. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel…*

*… Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' … li giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye'... Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.*[3]

Illi dwar velocita m'hemmx dubju li *speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda* ***jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjetali tal-mument***[4][5].

Illi b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami huwa car li jekk l-ilma li kien inixxi minn wara l-bini kien jikkostitwixxi xi perikolu ghas-sewqan (kif qed jimplika l-imputat), persuna li kienet konsapevoli minn dan il-perikolu kellha l-oneru li toqghod ferm aktar attenta meta tkun qed tavvicina dan il-perikolu u tiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji; wahda minnhom zgur hi li tnaqqas il-velocita. L-imputat jghid li huwa kien ghaddej b'erbghin/hamsin kilometru fis-siegha; dan ma jistghax ikun. Meta wiehed jikkunsidra d-dinamika tal-habta u l-hsara li garrbet il-vettura u anke l-fatt li l-impatt sehh aktar minn tmenin metru aktar 'l fuq (f'telgha) mill-ilma zgur li l-imputat kien ghaddej b'velocita ferm aktar minn dik indikata minnu.

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[3] Ref Pulizija vs Michael Grech deciza f'l-20 ta' Frar 2007 mill-Qorti ta'l-Appel Krminali u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[5] Pulizija vs Haden Vella deciza 12 ta' Lulju 2007 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

Illi minn dan jirrizulta ampjament li l-imputat kien traskurat u negligenti fis-sewqan ghaliex minkejja li kien jaf li kien hemm l-ilma qed inixxi fit-triq huwa naqas li, *bi prudenza ordinarja*, jiehu l-prekawzjonijiet necessarji biex *jevita sinistru stradali* u b'hekk *wera indifferenza ghar-riskju* li seta' jinholoq minhabba l-iskular ta' dak l-ilma li huwa kien ben konsapevoli tieghu.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrielva, kif inhu ben stabbilit ukoll fid-dottrina u fil-gurisprudenza, li n-negligenza kontributorja mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu jekk dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru[6]. F'dak il-kaz, u cioe jekk tirrizulta in-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi imposta.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat qed jallega li kienet il-kundizzjoni tat-triq, minhabba l-iskular ta' l-ilma li kkawzat dan l-incident. Anke jekk il-Qorti taccetta l-possibilita li l-kundizzjoni tat-triq ma kenitx wahda idonea minhabba l-iskular ta' dan l-ilma pero dan ma jezonerax lill-imputat mir-responsabbilta tieghu ta' sewqan responsabbli. Il-Qorti hija tal-fehma n-nuqqas ta' prudenza ordinarja u l-velocita eccessiva kienu l-kawza prossima ta'l-incident.

Illi dwar il-griehi sofferti minn Roberta Galea ezami tac-certifikati medici u tad-depozizzjonijiet tat-tobba li b'xi mod jew iehor kienu involuti fil-kura taghha m'ghandu jhalli l-ebda dubbju li dawn il-griehi jaqghu f'definizzjoni tal-griehi elenkati f'l-artikolu 218(1)(a) imsemmi f'l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. L-ewwel wiehed bla dubbju huwa n-natura tar-reaat li tieghu qed jinstab hati l-imputat kif ukoll

---

[6] Pulizija vs Christopher Siegersma deciza fit-12 ta' Lulju 2007 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

il-konsegwenzi li qed taffaccja l-parte leza minhabba l-agir irresponsabbli ta'l-imputat. Fattur iehor li l-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni huwa l-fedina penali ta' l-imputat li hija netta.

Illi tenut kont ta' dan u c-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhiex wahda idonea ghaliex hemm mizuri ohra li jistghu jkunu daqstant effettivi biex l-imputat jitghallem li karrozza hija perikoluza daqs arma u li sewqan ghandu jkun dejjem prudenti u responsabbli.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tlett elef Euro (€3,000) u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja ta' sewqan ghal perjodu ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------